MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 7/2007

Il-Pulizija
(Spettur N. Lanzon)
Vs

Jean Pierre Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer fit-13 ta’ Novembru, 1998 u matul dawn l-ahhar sitt xhur f’Malta f’hinijiet differenti :

1) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss skond ir-Regolament 5(1) (recte 3(1)) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikolu 35B (li llum sar l-artikolu 40A u l-artikolu 89A (li llum sar 120A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

2) fl-istess data w cirkostanzi kkonsenja medicina specifika w psikotropika (ecstasy) lil xi persuna ohra li ma kinitx spizjar diligenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu bi ksur tar-regolament 10 (recte 11) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikolu 35B (li llum sar 40A) u 89A (li llum sar 120A) u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V ta' l-1985 kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Jannar, 2007, li biha, wara li rat ir-Regolamenti 3(1), 11(2) ta' l-Avviz Legali 22/1985, l-Artikolu 40A, 120A(1)(a), u 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 31, ma sabitx lill-appellant hati w ghaldaqstant illiberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Jean Pierre Mifsud mit-tieni akkuza w tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel akkuza, w minflok issibu hati ta' pussess ta' medicina ristretta w psikotropika (ecstasy) u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tillibera lill-appellat mill-ewwel akkuza ta' pussess ta' medicina ristretta psikotropika (esstacy). L-appellant ma jikkkontestax il-liberazzjoni ta' l-appellat mit-tieni akkuza w l-aggravju hu ghalhekk limitat ghall-ewwel akkuza. Illi f' dan il-kaz il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' hmistax il-sena skond l-artikolu 688 (b) tal-Kodici Kriminali u tigi sospiza meta l-akkuzat jigi notifikat bic-citazzjoni skond l-artikolu 687(2) tal-Kodici Kriminali u mhux meta c-citazzjoni tigi prezentata quddiem il-Qorti. L-ewwel Qorti kienet ghalhekk zbaljata meta kkomputat il-periodu tal-preskrizzjoni a bazi tal-piena ghar-reat ta'

pussess (hekk imsejjah semplici) skond l-art. 120A(2) (b)(ii) ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’ Jaqsmu Maghha. Il-piena li kellha tapplika kienet dik imsemmija fl-artikolu 120A(2)(b)(i) u cioe’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin, peress li c-cirkostanzi kienu manifestament tali li l-Qorti kellha tkun sodisfatta li l-pusssess ma kienx ghall-uzu  esklussiv tal-hati.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Li fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur tal-appellat argumenta li l-akkuza quddiem l-ewwel qorti kienet wahda ta’ pussess u l-qorti ma setghetx izid fuq din l-akkuza, anki biex l-akkuzat ikun jista jipprepara d-difiza. L-ewwel qorti ghamlet gustizzja mall-kaz, specjalment meta wiehed iqis li l-prosekuzzjoni damet hames snin biex akkuzat lill-appellat. Llum l-appellat ghandu impieg sod bhala general manager ta’ lukanda.

Illi minn-naha l-ohra l-abbli Prosekutur issottometta li dan kien kaz ta’ certa importanza. Illi l-fatt jekk il-pussess ikunx ghall-uzu esklussiv tal–hati ma tohrogx mill-artikolu li jikkostitwixxi r-reat imma mill-artikolu li jghid x’ inhi l-piena applikabbli w minkejja l-fatt li l-prosekuzzjoni ma ndikatx dan l-artikolu, l-Qorti xorta wahda trid tapplikah jekk tkun sodisfatta li l-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Mbaghad tapplika l-preskrizzjoni relattiva  skond dik il-piena.

Ikkonsidrat;

Illi fis-sentenza appellata, jintqal testwalment li :-

“…il-Qorti qed tiddikjara li dik il-parti ta’ l-imputazzjoni dwar il-pussess hija preskritta u qeghda

konsegwentement tillibera lill-imputat mill-ewwel parti tal-imputazzjoni.”

Ghalhekk il-liberazzjoni sehhet a bazi tal-preskrizzjoni u mhux ghax ma kienx hemm provi li jwasslu biex tinstab htija.

Ikkonsidrat;

Illi biex il-Qorti tkun tista’ tiddetermina liema hija l-preskrizzjoni applikabbli trid bil-fors thares lejn l-akkuza kif dedotta kontra l-appellat f’ dan il-kaz. Jibda biex jintqal li – kuntrarjament ghal dak li intqal fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-3 t’April, 2006 (fol. 37) – l-akkuza originarjament dedotta kontra l-appellat dwar pussess tad-droga ecstasy, ma kienetx tinkludi l-“adjectival clause” : *“liema medicina nstabet f’ tali cirkostanzi li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghek”.*

Dan il-kliem tfacca ghall-ewwel darba f’ din in-nota prezentata aktar minn sentejn wara li l-appellat kien gie akkuzat. L-akkuza originali – li ma kienetx it-tieni wahda kif jidher fin-nota imsemmija imma l-ewwel wahda - kienet tghid biss “*kellek fil-pussess tieghek*”. Jekk dan il-kliem giex mizjud fin-nota bi zball genwin da parti tal-Ispettur li hadet il-kaz f’ idejha mill-ufficjal tal-Pulizija li kien beda l-kaz, jew inkellha kienet inserzjoni sottili biex tirrimedja ghall-ommissjoni li l-prosekuzzjoni setghet intebhet li saret fl-akkuza originali, din il-Qorti ma tistax tghid. Hu x’ inhu l-kaz pero’, dan seta’ facilment jizgwida lill-Ewwel Qorti kieku ghadda inosservat u ghalhekk m’ ghandhomx isiru zbalji ta’ din ix-xorta fl-atti li jigu prezentati mill-Prosekuzzjoni. L-Ewwel Qorti pero’ ma gietx zgwidata w qaghdet, kif kellha toqghod, fuq id-dicitura tal-akkuza originali ghar-rigward ta’ din l-ewwel imputazzjoni.

Jekk il-prosekuzzjoni kienet fi stadju inoltrat tal-kawza ntebhet li mir-rizultanzi kellu jirrizulta – kif indubbjament bhala fatt jirrizulta – il-pussess f’ cirkostanzi tali li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellat, xejn ma kien izommha li titlob korrezzjoni quddiem l-

Ewwel Qorti biex l-ewwel akkuza tigi emendata konformement. Dan pero' baqa' ma sarx.

Illi d-difiza bir-ragun qed targumenta li ladarba l-akkuza inkorporata fic-citazzjoni (u li fuqha prezumibbilment l-istess Avukat Generali hareg l-0rdni tat-23 t'April**, 2001 ,** skond l-artikolu 120A (2) tal-Kap.31 (fol. 2) biex l-appellat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qatt ma giet emendata, hi kellha kull dritt li tistenna li ghandha tiddefendi l-kaz fuq dik l-akkuza minghajr iz-zieda tal-kwalifika jew aggravanti li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellat, anki mill-punto di vista ta' "*due process*", u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma ziedetx hi stess *"marte propria"* din il-kwalifika fid-deliberazzjoni taghha dwar il-kaz.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti xejn ma hi guridikament preciza w korretta s-sottomissjoni tal-appellant meta jghid li l-artikolu 120A (2) ma hux l-artikolu li johloq ir-reat imma biss dak li jitkellem dwar piena w allura l-"clause" : "*taht tali cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"* ma kellux ghalfejn jigi inkluz fl-imputazzjoni. L-artikolu 120A tal-Kap. 31 fis-subartikolu (1) jibda biex jispecifika r-reati li huma prosegwibbli taht l-Ordinanza. Umbaghad fih ghadd ta' *"definition clauses"* kontenuti fis-subartikoli (1A) u (1B). Fis-subartikoli (1C ), (1D) u (1E) jerga tohloq numru ta' reati ohra. Fis-subartikoli (1F ) u (1G) jitkellem fuq ezenzjoni mir-responsabbilta' f' certi kazi w fis-sub-artikolu (2) umbaghad jghaddi biex jispecifika l-pieni, kemm ghall ghal dak li jirrigwarda il-Qorti li taghti l-istess pieni kif ukoll fi gradwatorja li tiddependi minn aggravanti li jirrendu certi reati aktar gravi minn ohrajn. Dan l-artrikolu jrid pero' jittiehed b' mod komplessivi u b'mod li l-aggravanti li hemm biex jiddistingwu piena erogabbli minn ohra, jittiehdu bhala parti integrali mill-akkuzi li jigu dedotti tahtu.

Illi proprju wahda mill-aggravanti li tirrendi l-piena aktar iebsa, kemm jekk il-kaz ikun qed jigi deciz mill-Qorti Kriminali, kif ukoll jekk ikun qed jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, hi proprju

dik ta’ meta jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li pussess ta’ droga jkun f’cirkostanzi tali li jissodisfaw lill-qorti li dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Hemm ukoll aggravanti ohra li jwasslu biex il-piena tizdied bi grad, fil-kazijiet fejn ir-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta’ 100 metru mill-perimetru ta’ skola, club, ecc. jew fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-biegh, provvista, fl-amministrazzjoni jew li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri, lil mara tqila jew lil xi persuna li tkun qed issegwi programm ta’ kura jew ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza tad-drogi. Dawn kollha huma inkorporati fl-art. 102A

Imma hija l-fehma ta’ din il-Qorti li, bhal fil-kaz ta’ kull aggravanti iehor f’ reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta’ indoli penali,  dawn iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom w mhux, kif qed jissottometti l-appellant, li l-Qorti tista’ issib htija ta’ dan l-aggravanti – kif indubbjament hu – fuq inizjattiva taghha stess, minkejja li l-akkuza tkun biss wahda ta’ **“pussess”** kif inhi f’ dan il-kaz.

Konferma ta’ dan temergi mill-prassi kostanti segwita kemm mill-istess Pulizija kif ukoll mill-istess Avukat Generali li jinkludu dan l-aggravanti *“expressis verbis”* fl-akkuza jew citazzjoni quddiem il-Qrati tal-Magistrati kif ukoll fl-atti ta’ l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Biex tista’ tinstab htiha ta’ “pussess aggravat”, kif inhu popolarment maghruf, hemm bzonn li dan ikun jifforma parti integrali mill-akkuza.

Kien x’ aktarx proprju ghal din ir-raguni li l-prosekuzzjoni fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha fuq referita quddiem l-Ewwel Qorti, ppruvat izzerzaq, pulit, pulit, dan l-aggravanti fl-ewwel imputazzjoni bla ma kien fil-fatt inkluz fl-akkuza originali li qatt ma giet mizjuda w emendata.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilit ghalhekk li l-ewwel imputazzjoni – kienu x’ kienu ir-rizultanzi – kienet u baqghet wahda ta’ **“pussess semplici**” <u>u mhux</u> dik ta’ “**pussess aggravat**” u stabbilit ukoll li l-istess appellant kien iddecieda li jordna li l-kaz

jinstema' w jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jsegwi li skond l-art 102A (2)(b)(ii) tal-Kap.31 il-piena applikabbli ghal din l-ewwel imputazzjoni kellha tkun dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlitt xhur izda mhux izjed minn tnax il-xahar, jew multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija, izda mhux izjed minn elf lira Maltija, jew dik il-prigunerija jew multa flimkien.

l-itwal preskrizzjoni allura applikabbli skond l-artikolu 688 (d) tal-Kap.9 kienet ta' hames snin.

Issa f' dan il-kaz saru serje inspjegabbli ta' ommissjonijiet jew zbalji mill-prosekuzzjoni li waslu biex din l-imputazzjoni ta' pussess semplici tigi preskritta. Fl-ewwel lok ir-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni kien sar maghruf lil Pulizija sa mid-data tal-istqarrija tal-appellat w cioe' mill-15 ta' Novembru, 1998. U suppost ukoll li kellu jkun car daqs il-kristall u bla ebda ekwivoci ghall-ufficjal investigattiv minn din l-istqarrija li hawn si trattava ta' kaz ta' pussess aggravat u mhux biss ta' pussess semplici. Minkejja li inkisbet l-Ordni mill-Avukat Generali biex il-kaz jinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati , liema ordni ggib id-data tat-**23 ta' April, 2001,** inspjegabbilment baqa' ma sar xejn qabel it-23 ta' Jannar, 2004, meta finalment l-ispettur investigattiv irregistra c-citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 1) bil-firma tieghu li ggib l-istess data.

Sa hawn kien ghadu ma giex miksur iz-zmien tal-preskrizzjoni ghalkemm it-terminu ta' hames snin mill-konsumazzjoni tar-reat kien gja ilu li skada b' aktar minn xaharejn. Ovvjament umbaghad in-notifika tal-appellat, li skond l-art. 693 (1) tikser iz-zmien tal-preskrizzjoni, bil-fors li saret wara din id-data u f' xi zmien qabel id-data ta' l-ewwel dehra quddiem l-Ewwel Qorti, fl-24 ta' Marzu, 2004. Ghalhekk ma hemmx l-icken dubju li l-ewwel imputazzjoni hija preskritta bid-dekorrenza ta' aktar minn hames snin minn meta r-reat gie maghruf bil-fattispecji kollha tieghu aggravanti lill-Pulizija.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu manifestament infondat u qed jigi respint.

Pero’ din il-Qorti ma thossx li f’ dan il-kaz ghandha tieqaf hawn.

Hu doveruz li f’ dan il-kaz tissenjala certi nuqqasijiet fl-andament tal-iter processwali li ma jistghux jithallew jghaddu inosservati f’ kaz ta’ din il-portata.

Anki jekk ghal grazzja tal-argument kien hemm xi proceduri pendenti ohra kontra terzi li fihom forsi l-prosekuzzjoni kellha bzonn il-ko-operazzjoni jew ix-xiehda tal-appellat, kif wiehed donnu jtendi biex jifhem mid-depozzjoni tal-Ispettur investigattiv a fol. 8 tal-process, u anki jekk il-pulizija riedet li kemm jista’ jkun ma taggravax izzejjed lill-appellat, kif jirrizulta mir-rakkomandazzjonijiet ripetuti favur l-appellat li l-istess spettur ghamel meta xehed a fols. 7 u 8, xorta wahda mhux spjegat ghala ma’ giex inkluz fl-ewwel imputazzjoni l-aggravanti ta’ pussess f’ cirkostanzi tali li jindikaw li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, meta dan kien jirrizulta b’ mod lampanti mill-istess ammissjoni tal-appellat *ab initio*. Ittiehed ukoll zball iehor meta fit-tieni imputazzjoni ntuzat dicitura skorretta li issa wasslet biex l-appellat gie liberat minn akkuza manifestament ammessa minnu (w dwar dan l-appellant ma intavola ebda appell!) Kien ukoll imprudenti l-ispettur investigattiv, kienu x’ kienu r-ragunijiet ghad-dewmien,  li jintavola l-akkuza – monka kif kienet fiz-zewg imputazzjonijiet – proprju wara li jiddekorri l-periodu tal-preskrizzjoni, fil-kaz ta’ l-ewwel imputazzjoni kif formulata. Umbaghad zball iehor li ukoll seta’ wassal ghall diffikoltajiet biex tinstab htija fil-mertu, kien il-fatt li ghalkemm l-istess ufficjal prosekutur kien esebixxa ghoxrin (20) pillola  li kienu gew elevati mill-karozza ta’ l-appellat, u minkejja li l-Qorti – fuq talba tal-prosekuzzjoni - kienet hatret lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel l-analizi kollha mehtiega fuq dawn l-esebiti -  l-prosekuzzjoni halliet il-kawza tmur ghas-sentenza bla ma nsistiet li dan l-espert jipprezenta r-relazzjoni tieghu, anzi kienet hi stess li iddikjarat li m’ghandhiex provi ohra. (fol. 29). Finalment, wiehed jistaqsi : ghaliex, meta kien ovvju ghall-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett u aktar u aktar matul il-kawza, li l-pussess kien wiehed aggravat fis-sens fuq

spjegat u meta suppost kien ukoll maghruf ghall-prosekuzzjoni dak li kien gie deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Karl Borg",** [23.6.2005], riferibbilment ghall-izball fid-dicitura tat-tieni imputazzjoni, baqghet qatt ma intalbet korrezzjoni fl-akkuza originali ?

Meta jkun hemm process *"riddled"* b' ommissjonijiet, zbalji, u dilungar ispjegabbli da parti tal-Prosekuzzjoni, din il-Qorti ma tistenniex li umbaghad jigu intavolati appelli quddiemha bil-ghan li forsi jigu kolmati jew riparati dawn l-ommissjonijiet jew zbalji taghha stess.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------